# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 679/2014/VG**

**Salvatore GALLO**

**Vs**

**Anthony PSAILA u b'digriet datat 22 ta' Jannar, 2015 gie kjamat fil-kawza Fernando PSAILA u b'digriet datat 13ta' Marzu, 2015 giet kjamata fil-kawza Natasha GALLO**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-24 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimati ihallsuh is-somma ta' elfejn u mitejn Euro [€2,200] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi l-konvenut huwa kreditur tal-attur Salvatore Gallo fl-ammont ta' elfejn u mitejn ewro (€2200), ammont rimanenti minn somma akbar, u rapprezentanti self brevi manu fl-ammont ta' erbat' elef ewro (€4000).

Illi din is-somma ghaddiet b'self ghand il-konvenut sabiex inxtrat vettura minghand terzi, ossia "Galetta Auto Dealer" u li sussegwentement ma sar l-ebda pagament oltre cheque solitu ta' elf u tmien mitt euro (€1,800).

Illi wara li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi huwa baqa inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dan it-tribunal jghogbu:

1. Jiddikjara lill-attur kreditur tal-konvenut Anthony Psaila fis-somma ta’ €2,200;

2. Jordna lill-istess konvenut ihallas l-ammont ta’ €2200 lill-attur Salvatore Gallo”.

Ra **r-risposta tal-intimat Anthony Psaila** minnu mressqa fl-10 ta’ Novembru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> “Illi, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan l-ghaliex il-konvenut qatt ma ssellef minghand l-attur u ghaldaqstant certament illi huwa mhux u qatt ma kien debitur tal-imsemmi Salvatore Gallo;
>
> Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri”;

Ra **r-risposta tal-intimat Anthony Psaila** minnu mressqa fl-10 ta’ Novembru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> “Illi, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan l-ghaliex il-konvenut qatt ma ssellef minghand l-aatur u ghaldaqstant certament illi huwa mhux u qatt ma kien debitur tal-imsemmi Salvatore Gallo;
>
> Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri”;

Ra d-digriet tieghu datat 22 ta’ Jannar, 2015 fejn ordna li jigi kjamat fil-kawza Fernando Psaila.

Ra **r-risposta tal-kjamat fil-kawza Fernando Psaila** minnu mressqa fis-27 ta’ Frar, 2015 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> “Illi, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:
>
> Fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili;
>
> Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent rrestitwixxa l-hlas minnu dovut, waqt iz-zwieg tieghu ma’ Natasha Gallo gja Psaila;
>
> Fit-tielet lok, jekk jirrizulta li fadal xi bilanc, dan ghandu jithallas minn Natasha Gallo gja Psaila u dana stante illi skont il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-esponent u l-imsemmija Natasha Gallo, il-partijiet qablu li kull dejn mal-familjari, ghandu jithallas mill-parti hekk

relatata mal-kreditur u ghaldaqstant, stante li Salvatore Gallo huwa missier Natasha Gallo, l-imsemmi dejn, jekk talvolta jirrizulta li jezisti ghandu jithallas minnha.

Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront tal-esponent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri";

Ra d-digriet tieghu datat 13 ta' Marzu, 2015 fejn ordna li tigi kjamata fil-kawza Natasha Gallo.

Ra **r-risposta tal-kjamat fil-kawza Natasha Gallo** minnha mressqa fit-30 ta' Marzu, 2015 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi d-dejn odjern huwa solament bejn l-attur u Anthony Psaila.

2. Illi l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta mal-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk kull pendenza naxxnti mill-istess giet terminata.

3. Illi dan id-dejn kien maghruf qabel l-iffirmar tal-kuntratt u ghalhekk ma japplikax id-dispost tal-artikolu 12(ii)(b) tal-istess kuntratt;

4. Illi l-esponenti kienet totalment estraneja ghal dan id-dejn.

5. Illi hija qatt ma utilizzat l-istess vetturi;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri";

Ra l-verbal datat 13 ta' Jannar, 2015 fejn l-intimat iddikjara li huwa ma kienx jaf l-ghamla tal-vettura ghalkemm din tinsab registrata fuq ismu. Din il-vettura tintuza esklussivament minn ibnu l-kjamat fil-kawza Fernando Psaila.

Ra l-verbal datat 11 ta' Frar, 2015 fejn ix-xhud Alan Muscat, b'referenza ghad-dokument immarkat FP 1 (a fol. 19), imressaq mill-kjamat fil-kawza Fernando Psaila "*huwa dokument rilaxxat minn huh Adrian Muscat li flimkien jiggestixxu n-negozju bl-isem ta' Galletta Auto Dealer. Zied jghid ukoll illi tmient' elef u hames mitt ewro (Eur8500) imsemmija fid-dokument inghataw lilu minn Fernando Psaila f'daqqa, erbat' elef u hames mitt ewro (Eur4500) minnhom permezz ta' flus kontanti u ghar-rimanenti erbghat' elef (Eur4000) permezz ta' cheque. Huwa ma ghandu l-ebda kopja tac-cheque li nghata lilu fl-ammont ta' erbat'elef (Eur4000) u ma jafx fuq minn isem min kien dan ic-cheque*" (fol. 17).

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti talab il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €2,200 rapprezentanti din is-somma ammont rimanenti minn somma akbar, u rapprezentanti self *brevi manu* fl-ammont ta' erbat' elef ewro (€4000) biex huwa jkun jista jixtri u jakkwista vettura minghand il-"Galetta Auto Dealer". Kompla jghid li l-intimat kull ma hallas minn din is-somma kien l-ammont ta' €1,800 permezz ta' cekk.

2. L-intimat laqa' ghal din it-talba billi qal li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan l-ghaliex huwa qatt ma ssellef minghand ir-rikorrenti u ghalhekk certament illi huwa mhux u qatt ma kien debitur tieghu.

3. Illi b'digriet datat 22 ta' Jannar, 2015 gie kjamat fil-kawza Fernando Psaila li b'referenza ghat-talba tar-rikorrenti qal li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Zied jghid li fl-ewwel lok, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili, fit-tieni lok qal li huwa rrestitwixxa l-hlas minnu dovut, waqt iz-zwieg tieghu ma' Natasha Gallo gja Psaila u fit-tielet lok qal li jekk jirrizulta li fadal xi bilanc, dan ghandu jithallas minn Natasha Gallo gja Psaila u dana stante illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni tieghu u ta' martu, l-imsemmija Natasha Gallo, il-partijiet qablu li kull dejn mal-familjari, ghandu jithallas mill-parti hekk relatata mal-kreditur u ghaldaqstant, stante li Salvatore Gallo huwa missier Natasha Gallo, l-imsemmi dejn, jekk talvolta jirrizulta li jezisti ghandu jithallas minnha.

4. Illi b'digriet iehor datat 13 ta' Marzu, 2015 giet kjamata fil-kawza Natasha Gallo li qalet illi d-dejn odjern huwa solament bejn ir-rikorrenti u Anthony Psaila. Kompliet tghid li l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta mal-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk kull pendenza naxxenti mill-istess giet terminata u li d-dejn kien maghruf qabel l-iffirmar tal-kuntratt u ghalhekk ma japplikax id-dispost tal-artikolu 12(ii) (b) tal-istess kuntratt. Qalet ukoll li hi kienet totalment estraneja ghal dan id-dejn u li hija qatt ma utilizzat l-istess vettura.

Ikkunsidra;

5. Jirrizulta mill-atti li l-kontendenti f'din il-kawza huma kollha xi ftit jew wisq relatati ma xulxin. Ir-rikorrenti Salvatore Gallo jigi missier il-kjamata fil-kawza Natasha Gallo. Din ta' l-ahhar hija mart il-kjamat l-iehor Fernando Psaila, li kien infired minn ma martu permezz ta' kuntratt ta' firda konsenswali datat 27 ta' Awwissu, 2014 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber. Fernando Psaila, *a sua volta,* jigi iben l-intimat Anthony Psaila.

6. Il-kjamat fil-kawza Fernando Psaila pprezenta kopja tal-kuntratt ta' firda konsenswali ffirmat bejnu u bejn martu, il-kjamata fil-kawza l-ohra, Natasha Gallo gja Psaila. Id-difensur tieghu l-Avukat Dottor Franco Galea, skond ma jirrizulta mill-verbal datat 10 ta' Marzu, 2015, ghamel referenza ghal-Artikolu 12(b) (proprjament 12(ii)(b)) tal-kuntratt

imsemmi li jaqra testwalment hekk: "*12. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u d-divizjoni tal-gid komuni taghhom, il-partijiet qeghdin jiftehmu dan li gej: ii) Dwar id-dejn talvolta gravanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, l-istess partijiet jaqblu fuq is-segwenti: b) Qieghed jigi miftiehem, illi f'kaz illi jirrizulta xi dejn favur familjari u/jew hbieb ta' parti, dik il-parti hekk relatata mal-kreditur u/jew dik il-parti li wahedha tkun ikkuntrattat tali dejn ma' terzi, tkun responsabbli ghall-hlas ta' tali dejn*" (tergo fol. 32 u fol. 33).

7. **Ir-rikorrenti Salvatore Gallo** qal li f'Dicembru tas-sena 2012 bintu Natasha, il-kjamata fil-kawza, kienet talbitu sabiex isellef lil zewgha, il-kjamat fil-kawza l-iehor Fernando Psaila s-somma ta' €4,000 sabiex huwa jkun jista jixtri vettura. Huwa accetta li jsellfu dawn il-flejjes u fil-fatt qal li hareg cekk fl-ammont ta' €2,000 fuq Adrian Muscat (ara dok. SG 1 a fol. 46) u r-rimanenti €2,000 fi flus kontanti. Dan Adrian Muscat, skond ma ddikjara Alan Muscat fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2015 jigi huh u flimkien jiggestixxu n-negozju bl-isem ta' Galletta Auto Dealer. Ir-rikorrenti esebixxa ukoll dokument li gie mmarkat bhala dok. SG 2 (a fol. 47) li "*ghamiltu b'idejja stess ... ta' hlasijiet li l-intimat Fernando Psaila tani mautl iz-zmien. B'kollox huwa kien tani l-ammont ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800)*" (fol. 39). Sussegwentement sar jaf li l-vettura giet registrata fuq isem l-intimat li jigi missier il-kjamat fil-kawza Fernando Psaila. Kompla jghid li lill-kjamat fil-kawza Fernando Psaila "*gielu tlabtu biex ikompli jhallas il-flus li ghandu jaghti lili u dejjem jghidli issa ntihomlok*" (fol. 40). It-twegiba ta' dan kienet tkun, li huwa kien ser ihallsu u dan waqt il-konvivenza matrimonjali tieghu ma bint ir-rikorrenti, l-kjamata fil-kawza l-ohra Natasha Gallo. Qal li "*minhabba li baqa ma hallasx jiena kelli nibda dawn il-proceduri. Il-bilanc li fadallu jaghtini huwa ta' elfejn u mitejn Ewro (€2,200)*" (fol. 40). In kontro-ezami, mistoqsi min kien fizikament jaghtih il-pagamenti ndikati fuq id-dok. SG 2 (fol. 47) ghal ammont misluf, huwa qal li "*gieli kien jaghtihomli l-kjamat fil-kawza Fernando Psaila u gieli kien jigi jaghtihomli n-neputi tieghi li huwa iben il-kontendenti*" (fol. 40).

8. **L-intimat Anthony Psaila** xehed u qal li "*jiena ma ghandi x'naqsam xejn ma' din il-vettura li juza ibni minkejja li din hija registrata fuqi*" (fol. 43). Din il-vettura giet registrata fuq ismu biex ibnu, l-kjamat fil-kawza Fernando Psaila "*ikun jista jiffranka n-no claim bonus tal-insurance*" (fol. 43). Dejjem hekk kien jaghmel ibnu, kompla jghid l-intimat. Qal li huwa, tramite d-difensur tieghu, kien kiteb ittra lir-rikorrenti u nfurmah li ma kellu jaghtih xejn.

9. **Il-kjamat fil-kawza Fernando Psaila** qal li l-vettura li issemmiet f'dawn il-proceduri ghadha tintuza minnu sal-lum. Qal li "*jiena mhux talli tajt elf u tmien mija (1,800) lill-missier il-mara talli tajtu izjed. Jiena kont intih mitejn (200) fix-xahar. Jiena kont naghti l-flus lill-marti u hi mbaghad kienet tatihom lill-missierha*" (fol. 41). Qal li f'kaz li ghad fadal flejjes x'jithallsu fuq il-vettura tieghu allura dan gie regolat mill-kuntratt ta' firda ffirmat bejnu u bejn martu l-kjamata fil-kawza Natasha Gallo. Huwa qal li r-raguni l-ghala din il-vettura giet registrata fuq isem missieru kienet semplicement sabiex huwa jkun jista jiehu n-*no claim bonus* ta' missieru l-intimat Anthony Psaila. Ghalhekk, kompla jghid li "*Missieri ma ghandu x'jaqsam xejn mal-karozza*" (fol. 41). In kontro-

ezami, mistoqsi jekk kienx sar xi diskors waqt il-proceduri ta' firda fuq is-self li kien tah ir-rikorrenti, huwa wiegeb fin-negattiv. Qal li dan id-dejn ma kienx issemma l-ghaliex kien thallas. Zied ighid li "*jekk fadal xi dejn u huwa ghandu x'jaqsam mal-familjari nghid illi kulhadd ihallas il-familjari tieghu*" (fol. 41) u ghamel referenza ghal klawsola numru 12(ii)(b) tal-kuntratt ta' firda. Zied ighid li ghalhekk, kienet il-kjamata fil-kawza Natasha Gallo li kellha thallas lill-missierha "*l-ghaliex id-dejn sar waqt iz-zwieg u l-flus tajhomli missierha*" (fol. 41). Qal li f'Dicembru, 2013 huwa kien inghata mir-rikorrenti l-ammont ta' erbat elef euro (€4,000). Elfejn euro (€2,000) minn dawn kienu nghataw direttament lil Adrian Muscat tal-Galletta Auto Dealer permezz ta' cekk filwaqt li r-rimanenti elfejn euro (€2,000) inghataw lilu direttament fi flus kontanti. Zied ighid li l-vettura li kien xtara ma kienitx tiswa €4,000, u cioe l-ammont misluf, izda tnax-il elf u hames mija (€12,500). It-€8,500 l-ohra differenza bejn l-ammont misluf u l-prezz tal-vettura kien tahom huwa direttament lill-Galletta Auto Dealer. Qal li waqt li huma kienu ghaddejjin mill-proceduri ta' firda, huwa kien ghadu jghix fid-dar matrimonjali u kien jghaddi l-pagament ta' €200 fix-xahar lill-martu sabiex hi tkun tista tghaddiehom lill-missierha, r-rikorrenti. Mistoqsi jekk huwa ghandux ricevuti ghal dawn il-hlasijiet li qal li kien qed jaghmel, huwa wiegeb fin-negattiv. Qal li martu kienet taghmel rendikont kull meta kien jaghtiha l-ammont ta' €200 u imbaghad timmarka b'sinjal ta' *very good* (√). Dan ir-rendikont kien jinzamm ghandha go *folder*. Mistoqsi mit-Tribunal jekk dan id-dokument kienx ghandu, u dan wara li kienet xehdet il-kjamata fil-kawza u qalet li wara li zewgha kienet telaq mid-dar matrimonjali, din il-karta ma sabitiex aktar, huwa wiegeb fin-negattiv (fol. 38).

10. **Natasha Gallo**, l-kjamata fil-kawza, qalet li missierha r-rikorrenti, kien silef l-ammont ta' €4000 lil zewgha l-kjamat fil-kawza Fernando Psaila. Qalet li b'dawn il-flejjes, zewgha xtara vettura ghal uzu esklussiv tieghu. Ziedet tghid li "*zewghi dejjem kien jaghtini l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar sabiex inkun nista nghaddihom lill-missieri*" (fol. 44). Izda mbaghad "*meta bdejna mbaghad bil-kwistjonijiet bejnietna. Huwa ma baqghax jghaddili dan l-ammont*" (fol. 44). Hija qalet li meta kienet staqsiet lil zewgha x'kien ser jigri mill-bilanc li kien ghad fadal, huwa kien qalilha "*il-kelma tieghi kontra l-kelma tieghek hemm. Jiena ser nghid illi hallast l-ammont kollu*" (fol. 44). Mistoqsija l-ghala hija ma haditx hsieb li tnizzel dan id-dejn fil-kuntratt ta' firda taghhom, hi wiegbet u qalet li "*hu dejjem jghidli 'il-kelma tieghi kontra l-kelma tieghek*" (fol. 44). Qablet ma dak suggerit lilha li zewgha kien telaq qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' firda konsenswali bejniethom.

Ikkunsidra ulterjorment;

11. L-intimat fl-ewwel eccezzjoni tieghu qal li huwa qatt ma ssellef flejjes minghand ir-rikorrenti u li qatt ma kien debitur tieghu. Jidher bic-car li din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa u jisthoqqilha li tintlaqa u dan ghaliex kien ir-rikorrenti stess, meta ddepona li qal li f'Dicembru, 2012 bintu Natasha kienet marret fuqu u qaltlu sabiex issellef lil zewgha Fernando Psaila s-somma ta' €4,000 sabiex huwa jkun jista jixtri vettura. Anke meta kienu waqfu gejjin il-pagamenti, jirrizulta li r-rikorrenti kien talab lill-istess Fernando Psaila "*biex ikompli jhallas il-flus li ghandu jaghti lili u dejjem jghidli issa ntihomlok*" (fol. 40). L-uniku konessjoni li ghandu l-intimat f'din il-kwistjoni hija li din il-vettura

kienet giet registrata fuq ismu. Ghal bqija ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz. Ghalhekk it-talba fil-konfront tieghu sejra tigi michuda.

12. Il-kjamat fil-kawza Fernando Psaila fl-ewwel eccezzjoni tieghu sahaq li l-azzjoni fil-konfront tieghu hija perenta u dan ai termini ta' l-artikolu 2156 (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk: "***2156.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin: (e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku*". Is-self skond il-kjamat fil-kawza Fernando Psaila sar "*f'Dicembru 2013"* (fol. 41) filwaqt li skond ir-rikorrenti is-self sar "*f'Dicembru, 2012*" (fol. 39). It-Talba odjerna giet intavolata fl-24 ta' Settembru, 2014. Il-kjamat fil-kawza gie notifikat bil-proceduri odjerni fil-11 ta' Frar, 2015 (fol. 17). Mid-dati msemmija precedentement u cioe Dicembru, 2012 u Dicembru, 2013 sad-data tan-notifika bl-atti tal-kawza fi Frar, 2015 ma lehqux ghaddew il-hames snin imsemmija fl-artikolu tal-ligi citat mill-kjamat fil-kawza. Ghal kompletezza, mid-dokument ipprezentat mir-rikorrenti stess fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2015 (dok. SG 2 a fol. 47) jidher li l-ewwel pagament sar fl-1 ta' Frar, 2013 u ghalhekk hija aktar verosimili x-xhieda tar-rikorrenti meta qal li s-self sar f'Dicembru, 2012 milli dak li qal il-kjamat fil-kawza illi s-self sar f'Dicembru, 2013. Fi kwalunkwe kaz, ghar-ragunijiet hawn migjuba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qeghda tigi michuda.

13. It-tieni eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Fernando Psaila hija li huwa kien irestitwixxa l-hlas minnu dovut, waqt iz-zwieg tieghu ma' Natasha Gallo, gja Psaila. B'din l-eccezzjoni l-kjamat fil-kawza qieghed jghid li huwa ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti ghax hallas id-debitu tieghu. In sostenn ta' l-argument tieghu huwa qal li mhux talli hallas l-ammont ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) li qal li thallas lura lir-rikorrenti "*talli tajtu izjed*" (fol. 41). Huwa qal li hu kien jaghti s-somma ta' €200 fix-xahar lill-martu, l-kjamata fil-kawza Natasha Gallo u imbaghad hi kienet thallas lill-missierha, r-rikorrenti. Dan il-fatt huwa korraborat mix-xhieda ta' l-istess Natasha Gallo meta tghid li "*zewghi dejjem kien jaghtini l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar sabiex inkun nista nghaddihom lill-missieri*" (fol. 44). Wara li beda l-inkwiet bejniethom, kompliet tghid il-kjamata fil-kawza, zewgha ma baqax jghaddilha dawn il-pagamenti. Mistoqsi jekk huwa kellhux ricevuti ghall-hlasijiet minnu maghmula, huwa wiegeb fin-negattiv. Nafu li, f'kawzi ta' din ix-xorta, l-ahjar prova ssir permezz ta' rcevuta[1]. F'dan il-kaz ma hemmx ricevuti. Hemm biss id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti in sostenn tat-talba tieghu meta qal li huwa kien ircieva biss l-ammont ta' €1,800 mis-self ta' €4,000. In sostenn ta' dan, huwa esebixxa dokument bin-notamenti tieghu tal-hlasijiet maghmula (dok. SG 2 a fol. 47). Skont il-ligi, galadarba l-pagament jikkostitwixxi adempiment t'obbligazzjoni pekunjarja[2], l-istess ligi, kif supplimentata mill-gurisprudenza, timponi fuq d-debitur l-oneru tal-prova tar-radd lura tas-self. Din il-prova tista ssir bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li

[1] Ara **Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fil-5 ta' Ottubru, 1998 u **De Tigne Limited vs Lorna Micallef** deciza fl-10 ta' Jannar, 2007 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).

[2] Ara artikolu 1146 tal-Kodici Civili.

jikkonvincu lill-gudikant[3]. Mill-provi prodotti, t-Tribunal ma huwiex sodisfatt li dan l-oneru gie sodisfatt. Inghad ukoll li f'kaz ta' dubju riferibbilment ghall-pagament dan kellu jkun rizolt favur il-kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru imsemmi[4]. Ghalhekk qieghed isib li r-rikorrenti ghad ghandu jircievi l-ammont ta' €2,200 minnu reklamat f'dawn il-proceduri.

14. Il-mistoqsija li trid tigi mwiegba hija min mill-kjamati fil-kawza ghandu jaghmel tajjeb ghal dan l-ammont rikjest mir-rikorrenti permezz ta' dawn il-proceduri. Il-kjamat fil-kawza Fernando Psaila, fir-risposta tieghu qal li jekk jirrizulta li fadal xi bilanc, dan ghandu jithallas minn Natasha Gallo gja Psaila u dana stante illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni tieghu u ta' martu, l-imsemmija Natasha Gallo, il-partijiet qablu li kull dejn mal-familjari, ghandu jithallas mill-parti hekk relatata mal-kreditur u ghaldaqstant, stante li Salvatore Gallo huwa missier Natasha Gallo, l-imsemmi dejn, jekk talvolta jirrizulta li jezisti ghandu jithallas minnha. Da parti taghha, l-kjamata fil-kawza Natasha Gallo qalet li l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta mal-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk kull pendenza naxxenti mill-istess giet terminata u li d-dejn kien maghruf qabel l-iffirmar tal-kuntratt u ghalhekk ma japplikax id-dispost tal-artikolu 12(ii) (b) tal-istess kuntratt. Qalet ukoll li hi kienet totalment estraneja ghal dan id-dejn u li hija qatt ma utilizzat l-istess vettura. Rajna li l-Artikolu 12(ii)(b) tal-kuntratt imsemmi jaqra testwalment hekk: "*12. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u d-divizjoni tal-gid komuni taghhom, il-partijiet qeghdin jiftehmu dan li gej: ii) Dwar id-dejn talvolta gravanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, l-istess partijiet jaqblu fuq is-segwenti: b) Qieghed jigi miftiehem, illi <u>f'kaz illi jirrizulta xi dejn favur familjari u/jew hbieb ta' parti, dik il-parti hekk relatata mal-kreditur</u> u/jew dik il-parti li wahedha tkun ikkuntrattat tali dejn ma' terzi, <u>tkun responsabbli ghall-hlas ta' tali dejn</u>*" (tergo fol. 32 u fol. 33). It-Tribunal issottolineja parti mill-imsemmi artikolu l-ghaliex il-partijiet, fit-trattazzjoni taghhom, it-tnejn jistriehu fuq dak li hemm riportat u sottolinejat hawn fuq. Filwaqt li Fernando Psaila jghid li a bazi ta' dak sottolinejat, hija Natasha Gallo li ghandha taghmel tajjeb ghal dan id-dejn ghax ir-rikorrenti huwa missierha, min-naha l-ohra, Natasha Gallo tghid li dan id-dejn kien maghruf qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' firda konsenswali u ghalhekk ma huwiex il-kaz li dan id-dejn "*irrizulta*" wara li huma iffirmaw l-imsemmi kuntratt. Qalet li d-dejn kien maghruf u mhux mohbi u ghalhekk, din il-klawsola citata minn Fernando Psaila ma hijiex applikabbli. Ziedet tghid li d-dejn tal-vettura ma kienx issemma fil-kuntratt u dan mhux b'xi nuqqas. Kwindi, in pessima ipotesi, dan id-dejn ghadu komuni ghalihom.

15. Fil-kuntratt ta' firda, fl-artikolu 10 insibu li "*Bis-sahha ta' dana l-att, ir-Ragel qieghed jassenja u jittrasferixxi b'titolu ta' divizjoni u likwidazzjoni u ghas-saldu ta' kwalunkwe dritt spettanti lill-Mara mill-beni gja formanti l-komunjoni tal-akkwisti u gid iehor*

---

[3] Ara **Emmanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Frar, 1959 u **APS Bank Limited vs Francis Xavier Micallef** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju, 2010.

[4] Ara **Angelo Scicluna vs John Scerri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Mejju, 1951 u kkonfermata mill-Appell fid-19 ta' Novembru, 1951 u **Nazzareno Borg vs Direttur tal-Muzewijiet** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April, 2005.

*komuni lill-Mara li taccetta u bl-istess titolu takkwista l-beni formanti l-Porzjoni B, hawn aktar 'l fuq deskritta. Minn naha taghha l-Mara qieghda tassenja u titrasferixxi b'titolu ta' divizjoni u likwidazzjoni u ghas-saldu ta' kwalunkwe dritt spettanti lir-Ragel mill-beni gja formanti l-komunjoni tal-akkwisti u gid iehor komuni lir-Ragel li jaccetta u bl-istess titolu jakkwista l-beni mobbli formanti l-Porzjoni A hawn aktar 'il fuq deskritta*" (tergo fol. 31). Fil-porzjoni A kien hemm il-vettura tal-marka Honda CRX ittri ta' registrazzjoni CRX-022. Ghat-Tribunal dan ifisser li meta Fernando psaila gie assenjat il-vettura, d-dejn li kien ghad fadal fuq din il-vettura gie assenjat lilu. Huwa minnu ukoll dak li tghid il-klawsola 12 (ii)(b) izda fil-fehma tat-Tribunal, din il-klawsola qed tirreferi ghal djun ohra li l-partijiet ma jkunux ftehmu dwaru u li jistghu jirrizultaw – basta li jkunu saru waqt li l-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ghadha veljanti bejniethom – wara l-firda taghhom. F'dan il-kaz, ma jistax jinghad li d-dejn tal-vettura irrizulta wara li l-partijiet iffirmaw l-imsemmi kuntratt. Meta akkwista l-imsemmija vettura, il-kjamat fil-kawza Fernando Psaila akkwistaha b'dak kollu li kien hemm maghha, inkluz id-dejn. Ghalhekk huwa l-kjamat fil-kawza Fernando Psaila li ghandu jaghmel tajjeb ghat-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad it-talba tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat Anthony Psaila u fil-konfront tal-kjamata fil-kawza Natasha Gallo, qieghed jilqa l-istess fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Fernando Psaila u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-istess kjamat fil-kawza Fernando Psaila sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn u mitejn euro (€2,200) flimkien ma l-imghaxijiet relattivi jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna (24 ta' Settembru, 2014) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghar-rigward ta' l-intimat Anthony Psaila jithallsu mir-rikorrenti, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jithallsu mill-kjamat fil-kawza Fernando Psaila.

Vincent Galea M.A., LL.D.
Gudikatur

Mary Josette Musu
Deputat Registratur